MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1332/2002/1

***Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer***

***vs***

***Fouad Hassanin Youssef Tayel u Joanne k/a Jane Camilleri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' elf erba' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1474.94c) rappresentanti l-hlas ta' disgha u ghoxrin kambjala ta' Lm50.86 'il wahda li mmaturaw fit-23 ta' kull xahar bejn Novembru 1999 u Mejju 2002, liema kambjali huma esibiti u mmarkati bhala T1 sa T28, b'dana illi

hemm zewg kambjalijiet immarkati bhala Dokument T9, liema kambjali baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana ghan-nom ta' l-attur proprio et.nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur proprio et.nomine s-somma ta' elf erba' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1474.94c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**